II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# PARLAMENT EWROPEW U KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Diċembru 2007**

**li temenda l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali**

(2008/29/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ([1]), u b'mod partikolari l-Punti 21, 22, l-ewwel u t-tieni subparagrafi, u 23 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni tat-23 ta' Novembru 2007, iż-żewġ naħat ta' l-awtorità baġitarja qablu li jipprovdu parti mill-finanzi meħtieġa għas-Sistema Globali Ewropea ta' Navigazzjoni Satellitari (EGNOS – GALILEO) permezz ta' reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali 2007–2013 skond il-Punti 21, 22 u 23 tal-Ftehima Interistituzzjonali, biex jiżdiedu l-limiti massimi ta' l-approprjazzjonijiet għall-impenji taħt is-sottointestatura 1a għas-snin 2008 sa 2013 bl-ammont ta' EUR 1 600 miljun fil-prezzijiet attwali. Din iż-żieda tkun ibbilanċjata bit-tnaqqis tal-limitu għall-approprjazzjonijiet għall-impenji taħt l-Intestatura 2 għas-sena 2007 bl-istess ammont.

(2) Sabiex tinżamm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlas, il-limiti annwali għall-ħlas ta' l-approprjazzjonijiet se jiġu aġġustati. L-aġġustament se jkun newtrali.

(3) L-Anness I tal-Ftehima Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq ([2]),

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod huwa sostitwit mill-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2007.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | M. LOBO ANTUNES |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

([2]) Għal dan il-għan, iċ-ċifri li jirriżultaw mill-ftehima msemmija hawn fuq huma maqluba għall-prezzijiet ta' l-2004.

*ANNESS*

**QAFAS FINANZJARJU 2007-2013 (rivedut)**

*(EUR miljun - prezzijiet ta' l-2004)*

| APPROPRIJAZZJONIJIET TA' IMPENN | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total 2007-2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. Tkabbir Sostenibbli | 51 267 | 52 913 | 54 071 | 54 860 | 55 379 | 56 845 | 58 256 | 383 591 |
| 1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 8 404 | 9 595 | 10 209 | 11 000 | 11 306 | 12 122 | 12 914 | 75 550 |
| 1b Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 42 863 | 43 318 | 43 862 | 43 860 | 44 073 | 44 723 | 45 342 | 308 041 |
| 2. Preservazzjoni u Mmaniġġar ta' Riżorsi Naturali | 53 478 | 54 322 | 53 666 | 53 035 | 52 400 | 51 775 | 51 161 | 369 837 |
| li minnhom: infiq li għandu x'jaqsam mas-suq u ħlasijiet diretti | 43 120 | 42 697 | 42 279 | 41 864 | 41 453 | 41 047 | 40 645 | 293 105 |
| 3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 1 199 | 1 258 | 1 380 | 1 503 | 1 645 | 1 797 | 1 988 | 10 770 |
| 3a Libertà, Sigurtà u Ġustizzja | 600 | 690 | 790 | 910 | 1 050 | 1 200 | 1 390 | 6 630 |
| 3b Ċittadinanza | 599 | 568 | 590 | 593 | 595 | 597 | 598 | 4 140 |
| 4. L-UE bħala attur dinji | 6 199 | 6 469 | 6 739 | 7 009 | 7 339 | 7 679 | 8 029 | 49 463 |
| 5. Amministrazzjoni ([1]) | 6 633 | 6 818 | 6 973 | 7 111 | 7 255 | 7 400 | 7 610 | 49 800 |
| 6. Kumpensi | 419 | 191 | 190 | | | | | 800 |
| TOTAL TA' APPROPRIJAZZJONIJIET TA' IMPENN | 119 195 | 121 971 | 123 019 | 123 518 | 124 018 | 125 496 | 127 044 | 864 261 |
| bħala persentaġġ tal-GNI | 1,10 % | 1,08 % | 1,07 % | 1,04 % | 1,03 % | 1,02 % | 1,01 % | 1,048 % |
| TOTAL TA' APPROPRIJAZZJONIJIET TA' IMPENN | 115 142 | 119 805 | 112 182 | 118 549 | 116 178 | 119 659 | 119 161 | 820 676 |
| bħala persentaġġ tal-GNI | 1,06 % | 1,06 % | 0,97 % | 1,00 % | 0,97 % | 0,97 % | 0,95 % | 1,00 % |
| Marġni disponibbli | 0,18 % | 0,18 % | 0,27 % | 0,24 % | 0,27 % | 0,27 % | 0,29 % | 0,24 % |
| Limitu Massimu ta' Riżorsi Proprji bħala persentaġġ tal-GNI | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

([1]) L-infiq fuq pensjonijiet inkluż taħt il-limitu massimu għal din l-intestatura huwa kkalkulat nett mill-kontribuzzjonijiet ta' l-istaff għall-iskema rilevanti, fil-limitu ta' € 500 miljun bil-prezzijiet ta' l-2004 għall-perijodu 2007-2013.